MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 9/2004/1

**Maria Dolores Buttigieg u Francis Barbara**

**vs**

**Rosina Stagno u b'digriet tal-Bord tal-12 ta' Mejju 2010 wara l-mewt tagħha, l-atti gew trasfużi f'isem l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-PL Luisa Tufigno bħala kuraturi *ad litem* u b'digriet tat-18 ta' Lulju 2011 l-atti gew trasfużi f'isem Ronald Stagno, Anthony Stagno, Marianne Cocks u Maria Spiteri**

**Il-Qorti**

**Rat** li fit-12 ta' April, 2012 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzia s-sewgwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord;*

*Ra r-rikors promutur:*

*Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond 17, Qrejten Street, Msida u dan il-post qieghed mikri ghand l-intimata ghal diversi snin.*

*Illi l-kera li tithallas hija ta' tnax-ilLira Maltin (Lm12.00) kull sena u l-pagament li jmiss huwa f'Ottubru, 2004, liema kirjiet qeghdin jigu rifjutati.*

*Illi l-intimata ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena qeghda toqghod gewwa Old People's Home gewwa Clarence Street, Msida u ilha hemm tul dan iz-zmien kollu.*

*Illi di piu' l-esponenti ghandha bzonn din id-dar ghan-neputijiet taghhom li ma ghandhomx fejn joqghodu.*

*Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jakkorda t-talbiet taghhom:*

1. *Tawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 17, Qrejten Street, Msida.*
2. *Tordna lill-intimata milli tivvaka mill-fond de quo fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilha koncess minn dan l-istess Onorabbli Bord.*
3. *Tordna l-izgumbrament tal-imtimata mill-fond in kwistjoni.*
4. *Tordna li l-kirja ma tiggeddidx.*

*Ra r-risposta tal-intimata:*

*Illi, in linea preliminarja, ne bis in idem, stante li l-mertu ta' din il-kawza fuq l-istess fatti giet deciza minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Mejju, 2004 (fl-ismijiet Buttigieg Maria Dolores vs Stagno Rosina et Rikors Nru.114/2002).*

*Illi donnu qed jinghad li sar tibdil fid-destinazzjoni tal-lokazzjoni, essendo li din abbandunat l-istess fond tlettax-il sena ilu, u f'dan ir-rigward jinghad li din il-pretenzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ghad li huwa minnu li Rosina Stagno hija registrata ma din id-dar tal-*

*anzjani bl-ebda mod ma jfisser illi din irrinunzjat ghal lokazzjoni tad-dar ordinarja taghha u fil-fatt ikun hemm zmien meta hija tirritorna d-dar.*

*Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-pussess tal-fond 17, Qrejten Street, Msida ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.*

*Semgha l-provi;*

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkonsidra:*

*Illi l-intimata kienet eccepiet b'mod preliminari ne bis in idem stante li l-mertu kien gia deciz fil-kawza bl-istess ismijiet fit-28 ta' Mejju 2004, Rikors 114/2002. Din l-eccezzjoni, izda, kienet irtirata fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2004 u ghalhekk il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni;*

*Illi fil-mertu, dan ir-rikors jidher li hu msejjes fuq dak ravvizat fl-artikolu 9(a) kwantu l-ewwel premessa u l-artikolu 9(b) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta kwantu it-tieni premessa. It-talba kwantu bazata fuq it-tieni premessa, jigifieri, htiega tal-fond ghan-neputijiet tas-sidien rikorrenti, tista' tkun deciza minghajr konsiderazzjoni fit-tul. L-unika referenza ghal din il-htiega saret mir-rikorrenti meta xehdet (vide fol 23) u qalet li "Ghandi bzonnu (riferibilment ghall-post) ghax ghandi t-tifla qeghda mieghi, ilha mizzewga 4 snin u ma tistax toqghod sakemm qed jirrangaw tmur il-post taghha". Mistoqsija jekk it-tifla ghandhiex tfal, r-rikorrenti wiegbet fin-negattiv. Minn dan huwa deducibbli illi bint ir-rikorrenti ghandha post fejn toqghod izda ghadha qed tirranga fih u waqt dawn ix-xogholijiet qed tirrisjedi ma' ommha r-rikorrenti li wara kollox ma ghandhiex neputijiet. Ghalhekk it-talba fuq il-premessa ta' htiega tal-fond skond l-artikolu 9(b) Kap 69 qed tkun michuda;*

*Kwantu l-ewwel talba, jokkorri qabel xejn li jkun sentjalat illi n-neputi tal-intimata, xehed illi ilu joqghod fil-fond in*

*kwistjoni ghal zmien twil minn meta kien ghadu tifel u dan biex izomm kumpanija lill-intimata. Jemergi mill-provi illi qabel il-mewt taghha fil-mori tal-kawza, l-intimata kienet ilha tirrisjedi gewwa dar tal-anzjani ghal zmien twil. Amministratur tad-Dar Anzjani tal-Msida xehed (fol 41 et seq ) illi Rosina Stagno ddahlet f'din id-dar f'Jannar tal-1992. Xehed fit-2 ta' Marzu 2005 u l-intimata mietet fis-sena 2008, jigifieri l-intimat kienet ilha ma tirrisjedi fil-fond lokat ghal 16-il sena qabel mietet. Fi zmien meta xehed dan l-amministratur, kien qal li l-intimata tghix hajja indipendenti f'din id-Dar ta' l-Anzjani u tghix hemmhekk minghajr ebda kostrizzjoni fis-sens li tista' taghzel li tmur tghix post iehor ta' xelta taghha;*

*Il-gurisprudenza hija pacifika dwar kazijiet bhal dak skrutinat, jigifieri, li mhux bizzejjed li s-sid juri li l-inkwilin ikun rikoverat gewwa home sabiex jirnexxi fit-talba ghar-ripreza tal-fond fuq il-premessa tal-abbandun u konsegwenti bdil fid-destiinazzjoni tal-fond. Sakemm tibqa' hajja l-possibilita' rejali li l-inkwilin jirritorna jghix fil-fond lilu lokat, il-Bord m'ghandhux jilqa' talba konsimili ghal dik odjerna. Naturalment, kull kaz ghandu jkun ezaminat individwalment izda. Fost il-hafna sentenzi fuq din il-materja, il-kawza fl-ismijiet* ***George Felice vs Gianni Cini*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Gunju 2001 tigbor fiha diversi aspetti ta' raguni leciti ta' allontanar li ma jammontawx ghall-abbandun ravvizat fil-ligi. Il-Bord iqis opportun jiccita parti sostanzjali minn din is-sentenza li rriteniet hekk:*

*Hija hawn rilevanti l-guridprudenza tista' tghid pacifika in materja li tistabilixxi l-principju li meta persuna anzjana tmur tghix ma' uliedha jkollha gustifikazzjoni biex ma tibqax fizikament tabita jew tuza l-fond lokat. Izda dan ma jfissirx li tali nuqqas ta' uzu seta jammonta ghal tibdil ta' destinazzjoni proprju ghaliex ma setghax jigi eskluz illi l-inkwilin jsib ruhu f'cirkostanzi li fihom ikollu jew jirritorna fil-fond li fuqu kellu titolu ta' inkwilinat ghax ma jkunx ghadu posssibli ghalih li jibqa' joghod jew mal-familjari jew f'residenza ta' anzjani jew band'ohra.*

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jinghad li meta l-appellant mar joqghod ghand bintu, huwa kellu akkomodazzjoni alternattiva ghalih………..billi ma giex pruvat li l-appellant kellu xi titolu biex jokkupa l-fond appartenenti lil bintu u zewgha……. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma jistax jinghad li kien hemm abbandun tal-fond li jammonta ghal tibdil ta' destinazzjoni tal-fond bil-fatt li l-appellant ma baqax jorqod fil-fond ghal raguni valida. Del resto ma hemm l-ebda obbligu il l-inkwilin jorqod fil-fond lilu mikri. Lanqas ma jista' jinghad li l-appellant kellu akkomodazzjoni alternattiva kif rikjest mil-ligi biex tintitola lis-sid jirriprendi pussess tal-fond". (Carmelo Ritchie vs. Anthony Vassallo, Rikors Nru. 37B/91 deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fl-14 ta' Gunju, 1996).*

*"Ma jistax jinghad li fond jitlef il-kwalifika ta' dar ta' abitazzjoni jekk l-inkwilin ma jkollux post iehor fejn jghammar u ghal xi ragunijiet specjali jkun kostrett li perjodikament u anke ghal xi ftit zmien kontinwament huwa jmur joqghod ma' haddiehor" (Vol. XL, P.I, p.1)".*

*"Illi huwa veru li min jemigra ghall-Awstralja ghandu jigi prezunt li mar biex joqghod permanentement jew ghal zmien twil u mhux prezumibbli li jzomm post hawn Malta biex imur joqghod fih jekk u meta jerga' lura. Izda ma jistax jigi ritenut li l-emigrant li jitlaq minn Malta u jhalli fid-dar nies tal-familja li kienu minn zmien qabel joqghodu mieghu, ikun abbanduna l-kera ta' dik id-dar, jew ikun tilef id-dritt li jibqa' jzommha b'kera biex fiha jkomplu jghammru dawk in-nies tal-familja li kienu joqghodu mieghu". (Vol. XL, P.I., p.418) (Vol. XXXVI, P.I, p.113).*

*"Dawn ic-cirkostanzi kollha mehuda flimkien iwasslu lil din il-Qorti biex tirritjeni li fil-fatt, ghalkemm Siminiana kienet harget materjalment (ghax kostretta minhabba mard) mill-fond de quo, eppure dak il-fond dejjem baqa' ir-residenza taghha u hija dejjem hekk zammitu. Din il-Qorti kolleggjalment komposta kellha okkazzjoni recentement tiddeciedi kaz simili ghal dak prezenti fil-kawza "Lino Bonnici vs. Michelina Livori" fit-30 ta' Novembru, 1983, fejn wara li osservat illi "kif inhu risaput jigri ta' spiss fost*

*nies ta' eta' avanzata, li jkunu jghixu wahedhom li dawn imorru, ghal ragunijiet ta' sahha, jew ragunijiet ohra, jghixu gewwa istitut jew sptar, jistghu dejjem ikomplu jzommu darhom biex jekk jiddejjqu jew ifiequ ikunu jistghu jirritornaw fiha, u illi "il-fatt li dawn in-nies jghixu ghal zmien twil gewwa sptar jew istitut, ma jfissirx li ghalhekk huma ghandhom alternative accomodation f'dak l-isptar jew istitut, u li kwindi s-sid jista' jiehu lura r-residenza mikrija lilhom minghajr ma joffri alternative accomodation......". ("Mary Abela pro et noe vs Joseph Camilleri", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' April, 1986 – Rikors Nru. 162/85).*

*F'din l-ahhar sentenza gie mbaghad stabbilit illi l-inkwilina, li ghal ragunijiet ta' sahha marret toqghod ma' bintha "kompliet izzomm ir-residenza taghha fil-fond de quo. Legalment ir-residenza taghha baqghet f'dan il-fond u l-konvenut li kien jghix hemm ghalhekk, jaqa' taht id-definizzjoni tal-kelma "kerrej" u ma jistax jinghad li qed jokkupah bla titolu". Multo magis allura ma jistax jinghad li l-fatt li l-intimat ma baqax abitwalment joqghod fil-fond minhabba ragunijiet impellenti ta' sahha, seta' jigi kwalifikat bhala non uso fit-termini tal-ligi. Id-destinazzjoni tal-fond kienet u baqghet dik tar-residenza ordinarja ta' l-inkwilin u l-prezunzjoni legali kienet li l-fond hekk kien u baqa' uzat minnu. Din il-gurisprudenza invokata mill-appellant, li maghha wiehed seta' jzid, kieku ried, bosta gudikati ohra, kollha fl-istess sens u spirtu, kienet issostni l-konvinzjoni ta' din il-Qorti li r-rikorrent appellat ma rnexxielux jipprova l-kawzali unika tieghu issa taht ezami, u dan irrispettivament il-kontradizzjonijiet u inkonsistenzi li setghu jigu traccjati fil-provi prodotti mill-appellant u l-familjari tieghu.*

*Ir-rikorrenti ressqu provi biex juru li l-intimata kienet ukoll bidlet l-indirizz fil-karta' tal-identita' taghha biex jirrifletti l-fatt li kienet qed toqghod fid-dar tal-anzjani. Dan izda huwa aspett insinjifikanti kif tghallem il-gurisprudenza. Minn naha l-ohra, jemergi illi in-neputi tal-intimata ilu jirrisjedi maghha mindu kellu 16-il sena meta llum ghandu 'l fuq minn 35 sena. Huwa mar jghix mal-intimata wara li kien miet zewgha, jigifieri n-nannu tieghu, biex jassistiha*

*anke ghaliex kellha problemi bil-vizta. Il-girien jiftakkru lil dan in-neputi jghix man-nanna intimata u jiftakruh sejjer u gej l-iskola minn dan il-fond. Ma jirrizultaw ebda provi kontrarji li n-neputi kien u ghadu jghix fil-fond lokat. Dan in-neputi xehed ukoll illi l-intimata gieli giet lura fil-fond lokat izda mhux b'mod regolari. Ezaminati dawn il-fatti, u in linea mal-gurisprudenza in rigward, dan il-Bord ma jistghax jaqbel mar-rikorrenti meta jghidu li l-intimata abbandunat il-kirja. In-neputi ghalhekk ghandu jitqies li kien qed jghix mal-inkwilina stante li l-Bord hu tal-fehma li ma kien hemm l-ebda abbandun. Ghal dawn il-motivi jichad it-talbiet tar-rikorrenti.*

*L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti."*

**Rat** li r-rikorrenti Maria Buttigieg u Francis Barabara hassew ruhhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ntavolaw appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell fejn gie premess:-.

Illi fir-rikors promotur l-esponenti iddikjaraw illi huma proprjetarji tal-fond 17, Qrejten Street, Msida u dan il-post qieghed mikri ghand l-intimata ghal diversi snin.

Illi l-kera li tithallas hija ta' tnax-il Lira Maltin (Lm12) kull sena u l-pagament li jmiss huwa f'Ottubru, 2004, liema kirjiet qeghdin jigu rifjutati.

Illi l-intimata ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena qeghda toqghod gewwa Old People's Home gewwa Clarence Street, Msida u ilha hemm tul dan iz-zmien kollu.

Illi di piu' l-esponenti ghandha bzonn din id-dar ghan-neputijiet taghhom li ma ghandhomx fejn joqghodu.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jakkorda t-talbiet taghhom:

1. Tawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond 17, Qrejten Street, Msida.

2. Tordna lill-intimata milli tivvaka mill-fond de quo fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilha koncess minn dan l-istess Onorabbli Bord.
3. Tordna l-izgumbrament tal-imtimata mill-fond in kwistjoni.
4. Tordna li l-kirja ma tiggeddidx.

Illi fir-risposta tal-intimati in linea preliminarja, ne bis in idem, stante li l-mertu ta' din il-kawza fuq l-istess fatti giet deciza minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Mejju, 2004 (fl-ismijiet Buttigieg Maria Dolores vs Stagno Rosina et Rikors Nru.114/2002).

Illi donnu qed jinghad li sar tibdil fid-destinazzjoni tal-lokazzjoni, essendo li din abbandunat l-istess fond tlettax-il sena ilu, u f'dan ir-rigward jinghad li din il-pretenzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ghad li huwa minnu li Rosina Stagno hija registrata ma din id-dar tal-anzjani bl-ebda mod ma jfisser illi din irrinunzjat ghal lokazzjoni tad-dar ordinarja taghha u fil-fatt ikun hemm zmien meta hija tirritorna d-dar.

Ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-pussess tal-fond 17, Qrejten Street, Msida ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Illi fis-sentenza ta' dan l-Onorabbli Qorti, l-istess Bord ikkonluda li ezaminati dawn il-fatti, u in linea mal-guisprudenza in rigward, dan il-Bord ma jistghax jaqbel mar-rikorrenti meta jghidu li l-intimata abbandunnt il-kirja. In-neputi ghalhekk ghandu jitqies li kien qed jghix mal-inkwilna stante li l-Bord hu tal-fehma li ma kein hemm l-ebda abbandun. Ghal dawn il-motivi jichad it-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjes tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti.

Illi l-esponenti hass ruhu aggravat mill-imsemmija sentenza u minnha qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi dan l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

1. Illi fl-ewwel lok hija indikattiva tal-fatt li n-neputi ma kienx ighix man-nanna ghax lanqas fir-risposta tal-intimata ma ssemma li kien hemm in-neputi Richard Cox ighix fil-fond u hawn wiehed jibda jara l-animo tal-ingann meta lanqas bhala difisa ma ddikaraw li Richard Cox kien qieghed jirrispjedi man-nanna jew li kien qieghed fil-fond meta n-nanna kienet god-dar tal-anzjani.

2. Illi di piu meta wiehed janalizza bir-reqqa il-kontijiet tad-dawl u ilma wiehed jinnota illi l-fond ma kienx qieghed jintuza. Dan il-fatt l-Onorabbli Gudikant fl-ewwel istanza skartah bhala prova. Jekk wiehed janalizza dok MF 56 li huwa rendikont dettaljat tal-kontijiet tad-dawl u ilma kif ukoll ir-renta tal-metres wiehed jinnota per ezempju li fis-snin:

1992 kollu jigi konsmat b'valur ta' Lm4.04,5 jigifieri euros 9.42
1993 kollu jigi konsmat b'valur ta' Lm4.68,6 jigifieri euros 10.91
1994 kollu jigi konsmat b'valur ta' Lm9.79,0 jigifieri euros 22.80
1995 kollu jigi konsmat b'valur ta' Lm12.64 jigifieri euros 29.44
Is-sena 1992 hija sinjifikanti ghax dik is-sena l-intimata marret tghix go dar tal-anzjani. Jidher illi fis-sena 2005 hadu refund ghax il-metar ma inqarax u ghalhekk hadu refund.

Dawn ir-readings juru bic-car illi l-post kien maghluq u ma kien hemm hadd jghix fil-fond. Huwa kkorobborat bil-fatt illi Rosina Stagno telqet mill-fond ghad-dar tal-anzjani f'Jannar tas-sena 1992. Huwa inpossibbli li bniedem jghix fil-fond in kwistjoni u f'sena shiha jikkonsma erbgha Liri (Lm4) kemm ghad-dawk kemm ghall-ilma u kemm ghall-kera tal-metres. Dawn ir-readings li huma konsistenti fis-snin kollha sakemm mietet l-intimata juri bic-car li ma kien hemm hadd jghix fil-fond meta hi kienet fid-dar tal-anzjani. Ir-readings juru bic-car li huma l-aktar dovuti ghall-kera

tal-metres u konsum ma kienx hemm. L-ingann huwa kkorrobborat mal-fatt illi tlett ijiem qabel mal-intimata dahlet fid-dar tal-anzjani Richard Cox irregistra l-karta tal-identita fuq il-fond in kwistjoni. Mill-provi jirrizulta illi l-intimata dahlet fid-dar tal-anzjani fit-3 ta' Jannar 1992 waqt Richard Cox fol 57 irregistra t-transfer tal-karta ta' identita' fil-31 ta' Dicembru 1991 jigifieri ezatt fin-new year's eve donnu kien hemm xi ghagla sabiex jaghmel hekk.

3. Sabiex wiehed jallega li Richard Cox mar jghix ma nanntu meta kellu hmistax-il sena mhix kredibbli. Li kien imur izuraha wara l-iskola jista' jkun kredibbli pero li kien jghix maghha meta fi kliemu stess kienet ghamja "minn mindu jiena nafha ghadni zghir" (a fol 65) fl-opinjoni tal-esponenti mhiex assolutament kredibbli. Kif jista jkun li tifel ta' hmistax-il sena jghaddi l-ahjar snin ta' zghozitu ma mara anzjana u jiehu hsieba ghax kienet ghamja. Li tghid li kien hemm tifla li tiehu hsieb anzjana tista tkun accettabbli pero li tibghat tifel jghix ma nanna mhi xejn hlief storja ivvintata; Ukoll kellu ohtu u ma bghatiehiex. Kkoraborat ma dan huwa l-fatt hija l-intenzjoni ta' dak iz-zmien li meta Richard Cox irregistra l-karta tal-identita l-ewwel darba meta kellu sittax-il sena dan gie registrat fuq id-dar ta' missieru u ommu u damet hekk ghal circa sitt snin u meta indunaw li n-nanna kienet diehla d-dar tal-anzjani tlett (3) ijiem qabel ttanta mar sabiex idawwar il-karta ta' identita'. Dan juri car l-animo ta' ingann li kellhom l-inkwilini li jivvintaw stejjer sabiex jippruvaw izommu d-dar li mhix taghhom ghandhom a skapitu tas-sid. Kkoroborat ma dak li intqal hawn fuq meta r-rikorrenti marret id-dar tal-anzjani u ltaqat mal-intimata l-istess intimata qalet li ser tiddepozita ic-cwievet mal-housing meta tispicca l-kirja (ra fol 21). Dan ukoll jidher bic-car illi ma kien hemm hadd jghix id-dar mertu tal-kawza u zgur li l-intimata ma kinitx taf li kien hemm xi hadd jghix hemmhekk. Possibbli li Richard Cox tul dawk is-snin li allegatament kien jghix fid-dar wahdu qatt ma dahhal hbib jew habiba u tellghu bhala xhud, u dan minhabba l-fatt li effettivament ma kienx jghix hemmhekk.

4. Illi xhieda mportanti hija dik ta' Tono Naudi Amministratur tad-Dar Anzjani Msida a fol 41 u ta' Emerenziana Agius mill-Ufficcju Elettorali a fol 75-76. Is-Tonio Naudi jiddikjara illi l-intimata dahlet fid-Dar tal-Anzjani 3 ta' Jannar 1992 u a fol 2 jiddikjara illi hi kienet hemm b'mod permanenti. Tant hu hekk li a fol 76 fis-sena 1996 sar rikors il-Qorti sabiex titbiddel il-karta tal-identita tal-anzjana sabiex iddur fuq id-Dar tal-Anzjani. Ukoll dik is-sena jigifieri fis-sena 1996 Richard Cox talab sabiex isir transfer tat-telefon mir-residenza tal-Imsida ghal fuqu. Dan juri bic-car illi l-intimata ma kellha ebda intenzjoni li terga tirritorna lura fid-dar li kellha bil-kera. Sahansitra sar rikors mid-dar tal-anzjani sabiex titbiddel ir-residenza tal-intimata. Dan isir meta jidher bic-car li anzjana mhix sejra lura d-dar precedenti taghha.

L-esponenti qieghed jipprova juri lill-Onorabbli Qorti illi l-intimati qeghdin jingannaw lill-Onorabbli Qorti sabiex is-sid tiehu pussess legittimu tal-fond taghha. L-aktar prova xkaccanti u indipendenti huma r-readings tad-dawl u ilma lli juri bic-car li ma kienx hemm konsum. Ukoll tlett ijiem qabel mal-intimata marret tirrisjedi gewwa d-dar tal-anzjani Richard Cox dawwar il-karta tal-identita illi jekk tiehu in konsiderazzjoni il-provi fl-asjem kollha bir-rispett kollu wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li kien hemm ingann u l-fatti gew pprezentati b'mod qarrieqa.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tilqa dan l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza tat-12 ta' April 2012 moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera u konsegwentement tilqa r-rikors promotur ta' Maria Dolores Buttigieg u Francis Barbara bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

**Rat** ir-risposta tal-appell ta' Ronald Stagno, Anthony Stagno, Marianne Cocks u Maria Spiteri fejn gie sottomess:-

Illi permezz tar-rikors tal-appell promotur ir-rikorrenti appellanti interponew appell mid-deċiżjoni tal-Bord li

jirregola l-Kera fl-ismijiet premessi, datata tnax (12) t' April tas-sena elfejn u tnax (2012), permezz ta' liema deċiżjoni, il-Bord li Jirregola l-Kera, wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u wara li evalwa l-provi u d-dokumenti kollha prodotti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, iddeċieda billi ċaħad it-talbiet tar-rikorrenti appellanti.

Illi l-aggravju tar-rikorrenti appellanti huwa essenzjalment wieħed, u jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Bord li Jirregola l-Kera. Dan l-aggravvju ġie ppreżentat taħt erba' (4) punti, liema punti ser jiġu trattati kronoloġikament għall-finijiet ta' sekwenza.

**1. L-Ewwel Punt**

Illi l-ewwel punt tar-rikorrenti appellanti huwa msejjes fuq il-fatt illi fir-risposta tal-intimata ma ssemmiex il-fatt illi n-neputi ta' Rosina Stagno – Richard Cocks – kien jirrisjedi magħha fil-fond in kwistjoni, jew li kien qed jutilizza l-istess fond meta Rosina Stagno kienet ġewwa dar tal-anzjani.

Illi minkejja illi dan il-punt ma kienx ġie sollevat *in limine litis* fil-forma ta' eċċezzjoni formali, inġiebu diversi provi intiżi sabiex jippruvaw il-punt illi Richard Cocks kien fil-fatt qiegħed jirrisjedi fil-fond imsemmi flimkien ma' nanntu Rosina Stagno.

Illi kif jemerġi minn każistika voluminuża dwar il-materja, meta persuna anzjana li tkun "*nkwilina ta' fond, issib ruħha f'sitwazzjoni minħabba raġunijiet impellenti ta' saħħa, li ma tkunx abitwalment tirrisjedi fil-fond mikri u jkollha tirrikovera ruħha f'xi istitut, dar għall-anzani jew għand familjari, dan il-fatt ma jikkostitwixxix 'non uso' fit-termini stretti tal-liġi u lanqas jammonta għal abbandun*"[1].

Illi l-bran ċitat jissintesizza l-punt difensjonali prinċipali li kienet qed issegwi l-imsemmija Rosina Stagno meta nfetħet il-kawża kontriha; stante li kienet għadha ħajja hi, ma kienx jagħmel sens li tqajjem bħala eċċezzjoni l-fatt

---

[1] Salvina Falzon et vs Edward Agius, 11 ta' Frar 2004, Qorti tal-Appell, per Imħallef Philip Sciberras.

ukoll illi n-neputi tagħha kien jirrisjedi magħha, u dan anke għall-finijiet tal-ekonomija tal-ġudizzju. Kien biss wara l-mewt ta' Rosina Stagno li sar importanti l-fatt illi n-neputi tagħha kien qed jgħix magħha, u għalhekk inġiebu l-provi neċessarji waqt il-kawża.

Illi mill-provi jidher illi Rosina Stagno, minkejja li kienet qiegħeda tirrisjedi f'dar tax-xjuħ, ma qatgħetx għal kollox l-indipendenza tagħha u hi stess tgħid illi "*ġieli mort xi ġimgħa norqod fid-dar ġewwa Qrejten Street*"[2], waqt li neputiha jgħid li hi "*Tiġi every now and then id-dar...*"[3]. Dan il-punt ser jiġi elaborat iżjed 'l isfel.

**2. It-Tieni Punt**

Illi t-tieni punt imsemmi mir-rikorrenti appellanti jikkonċerna l-konsum ta' dawl u ilma fuq il-fond in kwistjoni.

Illi r-rikorrenti appellanti jsemmu kemm kien baxx il-konsum ta' dawl u ilma fil-fond in kwistjoni, u donnhom jistgħaġbu li persuna tista' tgħix f'post u tuża daqshekk ftit dawl u ilma.

Illi dak li ma jsemmux ir-rikorrenti appellanti huwa l-istat li kien fih il-fond li fih kienet tirrisjedi Rosina Stagno flimkien man-neputi tagħha Richard – stat li jafu ben tajjeb li ma kienx konduċenti għal ħafna konsum ta' dawl u ilma stante li lanqas kien fih kamra tal-banju, doċċia, sink, *toilet* bil-*flushing* u saħansitra lanqas kċina, tant illi t-tisjir kien isir fuq spiritieri tal-pitrolju. Inoltre, tant ma kienx atrezzat tajjeb il-fond, illi lanqas biss ma kien hemm *circuit breakers* installati!

Inoltre, kif jemerġi mill-provi li inġabru matul dawn il-proċeduri, jirriżulta illi l-fond in kwistjoni u l-fond fejn kienu jirrisjedu l-ġenituri tal-imsemmi Richard Cocks jinsabu fil-viċin ta' xulxin, b'dan illi wieħed seta' faċilment jimxi minn post għall-ieħor. Għalhekk, dawk il-faċilitajiet illi Richard

[2] Vide xiedha tal-1 ta' Diċembru 2005.

[3] Vide xiedha tat-23 ta' Marzu 2006.

Cocks u nanntu ma kellhomx fil-fond in kwistjoni, kienu jużawhom id-dar t'omm u missier Cocks.

Illi tant huwa minnu dan, illi anke Antonia Turner – xhud għal kollox indipendenti – tgħid illi Richard Cocks kien "*Imur jiekol għand ommu, narah sejjer jiekol filgħaxija u fl-għaxra ta' bil-lejl, id-disgħa u nofs, l-għaxra, narah dieħel*". Dan id-diskors jindika illi Richard kien jirrisjedi ġewwa l-fond in kwistjoni, u kien imur jinqeda' għand ommu sabiex jerġa' lura f'dik li kienet saret daru sabiex jorqod mal-lejl.

Illi b'mod interessanti, fir-rikors tal-appell tagħhom ir-rikorrenti appellanti jagħmlu riferenza għal kemm kienu l-kontijiet f'xi snin partikolari u jgħidu wkoll illi "*Is-sena 1992 hija sinifikanti għax dik is-sena l-intimata marret tgħix ġo dar tal-anzjani.*" Madanakollu – konxjament jew bi żvista – jonqsu milli jagħmlu riferenza għas-snin ta' qabel is-sena 1992; jagħmel sew li wieħed jipparaguna dawn iż-żewġ perjodi differenti, għax b'hekk ikun jista' jiġi stabbilit b'kemm naqas il-konsum wara li Stagno ma baqgħetx dejjem fid-dar in kwistjoni.

Illi dan qed jingħad għax jekk fis-sena 1992 il-konsum kien wieħed baxx, anke fis-snin 1991 u 1990, il-konsum kien qiegħed fl-istess ilma, u dan jirriżulta meta wieħed jimxi mad-dokument ippreżentat mir-rikorrenti appellanti stess u li jinsab anness man-nota ta' sottomissjoniet tagħhom hekk kif ippreżentata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera[4] – u li meta wieħed jiflih sew, jirriżulta li fih diversi somom li m'humhiex maħdumin sew.

Illi rigward dan id-dokument li għadha kif issir riferenza għalih, madanakollu hemm element ta' misteru dwar kif ir-rikorrenti appellanti waslu għall-figuri indikati fl-istess dokument, u dan peress illi d-dokumenti esebiti minn Eric Montfort, rappreżentant tal-Korporazzjoni Enemalta, ikopru biss il-perjodu ta' bejn l-erbatax ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed (2001) u d-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005)! F'dan il-każ wieħed bil-fors irid isemmi l-massima *Quod non est in acta non est in mundo*,

[4] Dok MF 1.

partikolarment meta wieħed qed jitkellem dwar kontijiet tad-dawl u tal-ilma ta’ post partikolari, u mhux dwar xi ħaġa li jaf kulħadd! Jirriżulta għalhekk, illi perjodu sostanzjali indikat fid-dokument MF1, mhux sostnut b’dokumenti oriġinali, u għaldaqstant għandu jiġi skartat.

Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet preċedenti, fl-ebda parti ta’ dawn il-proċeduri ma qalu jew implikaw ir-rikorrenti appellanti illi Rosina Stagno ma kinitx tgħix u tirrisjedi ġewwa l-fond mertu ta’ dawn il-proċeduri qabel ma hija marret ġewwa d-Dar tal-Anzjani – anzi, jinsistu illi hija daħlet ġewwa d-dar tal-anzjani proprju f’Jannar 1992. Allura jsegwi li m’hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi hija kienet tirrisjedi hemm fis-snin 1990 u 1991 u li kkonsmat id-dawl u l-ilma skont id-dokument anness man-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti appellanti imsemmi aktar ‘il fuq.

Illi allura diffiċli li wieħed jifhem kif ir-rikorrenti appellanti bħal donnhom qegħdin jistagħġbu bil-konsum li jirriżulta mis-sena 1992 ‘il quddiem, meta dan huwa ekwiparabbli ma dak tas-snin preċedenti, f’liema snin huma jaċċettaw illi Stagno kienet tgħix fil-fond in kwistjoni!

**3. It-Tielet Punt**

Illi fit-tielet lok, fir-rikors tal-appell ir-rikorrenti appellanti jippruvaw ipenġu bħala inkredibbli l-fatt illi Richard Cocks kien jgħix flimkien ma’ nanntu u dan minħabba s-suppożizzjoni li tifel ta’ ħmistax (15) -il sena m’għandux jaħli l-aħjar snin ta’ żgħożitu jdur b’nanntu li kellha diffikultà bil-vista – hija assunzjoni redikola li ħaġa ta’ din ix-xorta mhix minn lewn id-dinja.

Illi jekk wieħed iħalli din l-assunzjoni bla bażi fil-ġenb, u jeżamina bir-reqqa l-provi miġjuba – kif għamel il-Bord li Jirregola l-Kera meta ġie sabiex jippronunzja ruħu dwar il-każ odjern – wieħed ikun jista’ raġonevolment jasal għall-konklużjoni illi Richard Cocks kien attwalment jgħix flimkien ma’ nanntu.

Illi dan jirriżulta l-ewwel nett mix-xiedha ta’ Richard Cocks[5] inniffsu, fejn jispjega illi hu kien mar jgħix ma’ nanntu meta kellu circa ħmistax (15) -il sena fuq proposta tal-ġenituri tiegħu, peress li din kellha bżonn lil xi ħadd magħha u ma kienx possibbli li tmur tgħix magħhom hi minħabba nuqqas ta’ spazju.

Illi Rosina Stagno stess xehdet illi Richard kien jgħix magħha fil-fond in kwistjoni, u dan sa minn meta kellu madwar sittax (16) -il sena.

Illi anke xhud għal kollox indipendenti mill-intimati appellati, Rose Sciberras, tgħid illi lil Richard tafu jgħix ma’ nanntu minn meta kien għadu żgħir[6], l-istess bħal ma tgħid Antonia Turner li tisħaq “*Nafu tifel dak* [Richard Cocks] *dejjem għand in-nanna kienu jkunu hux ... dejjem kien ikun magħha d-dar ... kien jorqod magħha wkoll*”[7]. Inoltre, din innegat b’mod b’saħħtu ħafna l-allegazzjoni illi Cocks kien jaħżen xi armar tal-festa fil-fond.

Illi mhux biss dawn l-erba’ (4) xhieda taw l-istess verżjoni tal-fatti u kkorroboraw il-verżjonijiet ta’ xulxin, iżda lanqas biss ma ġew kontradetti minn xi xhud jew prova oħra imressqa f’dawn il-proċeduri.

Illi l-assunzjoni magħmula mir-rikorrenti appellanti fis-sens illi mhux kredibbli li tifel fil-fjur ta’ żgħożitu jagħżel li jmur jgħix ma’ nanntu mhix assunzjoni attendibbli, u dan tant hu minnu li fir-rikors tal-appell tagħhom stess jikkonċedu, fl-istess nifs, illi li “... *tifla li tieħu ħsieb anzjana tista’ tkun aċċettabbli ...* ”. F’dan il-kumment għal kollox sessist, ir-rikorrenti appellanti jaċċettaw bħala possibbli li tifla tmur tgħin lil nannitha, però jiskartaw bħala inkredibbli l-possibilità li dan jagħmlu ġuvni. F’għajnejn ir-rikorrenti appellanti, l-unika raġuni għalfejn it-teżi tal-esponenti m’għandhiex tiġi emmnuta hija minħabba li nserta li dak li mar jgħix ma’ nanntu huwa raġel – loġikament dan ma jagħmilx sens!

---

[5] Vide xiedha tat-23 ta’ Marzu 2006.

[6] Vide xiedha tat-28 ta’ Settembru 2006.

[7] Vide xiedha tas-6 ta’ Ġunju 2007.

Illi r-rikorrenti appellanti jagħmlu riferenza wkoll għall-fatt illi oriġinarjament Richard Cocks kellu r-residenza tal-ġenituri tiegħu indikata fuq il-karta tal-identità tiegħu, u li bidel l-indirizz sabiex dan jirrifletti fejn kien qed jgħix ma' nanntu ftit qabel ma din daħlet fid-Dar tal-Anzjani.

Illi hawn wieħed irid iżomm f'moħħu diversi fatturi u mhux minnu li dan minnu nnifsu jindika xi intenzjoni qarrieqa kif qed jipprovaw ipenġu l-affarijiet ir-rikorrenti appellanti. Primarjament għandu jingħad illi l-indirizz li wieħed ikollu fuq il-karta tal-identità tiegħu huwa biss indikattiv dwar fejn wieħed jirrisjedi u bl-ebda mod m'hu konklussiv. Allura, l-fatt li kien għamel żmien irreġistrat fuq l-indirizz tar-residenza tal-ġenituri tiegħu, ma jfissirx li Richard Cocks ma setax kien qed jgħix ma' nanntu f'indirizz ieħor matul dak il-perjodu! Inoltre, ta' min isemmi wkolli illi meta Richard Cocks mar jirrisjedi ma' Rosina Stagno, kien għad kellu biss bejn ħmistax (15) u sittax (16) -il sena, u forsi għall-ewwel ma' kienx ċert kemm kien ser idum jgħix ma nanntu, bil-ħsieb li tali mossa setgħet kienet waħda temporanja. Ukoll, kien għadu żgħir, u forsi kien iħoss li jappartjeni iżjed fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Dawn kollha raġunijiet validi għalfejn l-ewwel karta tal-identità tiegħu kienet tindika l-indirizz tal-ġenituri tiegħu.

Illi r-rikorrenti appellanti jagħmlu riferenza wkoll għall-fatt illi Richard Cocks dawwar l-indirizz muri fuq il-karta tal-identità tiegħu ftit tal-granet biss qabel ma nanntu daħlet ġewwa d-Dar tal-Anzjani. Jekk dan kien il-każ, mhux neċessarjament ifisser illi kien hemm intenzjoni ta' qerq da parti ta' Cocks, iżda jista' jkun li waqt li kienu qed jagħmlu l-arranġamenti sabiex in-nanna tkun tista' tiċċaqlaq, irriżultat id-diskrepanza fuq il-karta tal-identità u ġiet korretta.

### 4. Ir-Raba' Punt

Illi r-raba' punt li jissollevaw ir-rikorrenti appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom jikkonċerna x-xiedha mogħtija minn Tonio Naudi, Amministratur tad-Dar tal-Anzjani Msida, li wara li kienu selettivi għall-aħħar fir-rigward tal-istess

xiedha, ir-rikorrenti appellanti jgħidu li kkonferma li Rosina Stagno kienet fid-Dar tal-Anzjani b'mod permanenti.

Illi dan m'hu minnu xejn. Fil-fatt dan Naudi ikkonferma, *inter alia*, li Stagno mhix *bed-ridden*, iżda iddeterjorat ftit biss u lanqas waslet sal-istat li tkun klassifikata bħala *semi-dependent*. Qal ukoll illi lanqas bżonn għajnuna biex tieħu ħsieb tagħha nnifisha ma kellha, u li titla' għall-quddies u tmur għall-ikel[8].

Illi inoltre, tant ma qalx illi Stagno kienet fid-Dar tal-Anzjani b'mod permanenti, illi spjega li "*Ħadd ma hu qiegħed permanenti. X'ħin iridu jistgħu jitilqu*"[9].

Illi rigward il-punt illi ġie trasferit il-kont tat-telefon minn fuq Rosina Stagno għal fuq Richard Cocks, jingħad illi dan kien biss pass naturali għall-fatt illi Stagno kienet qed tqatta' ħafna ħin fid-Dar tal-Anzjani. Stante li Richard Cocks kien jgħix magħha meta kienet għadha tirrisjedi esklussivament fil-fond in kwistjoni, naturalment, kien jagħmel sens illi la wasal żmien meta kien qed ikun fil-fond iżjed minnha, il-kontijiet iduru fuqu.

**Konklużjoni**

Illi minn dan kollu jidher ċar ħafna illi dak li fil-fatt qiegħed jintalab mir-rikorrenti appellanti huwa illi din l-Onorabbli Qorti tirrevedi l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni magħmul mill-Bord li Jirregola l-Kera fir-rigward tal-apprezzament tal-provi li l-partijiet kontendenti ipproduċew quddiemu dwar il-vertenza odjerna.

Illi madanakollu, kif huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, din l-Onorabbli Qorti

[8] Vide xiedha tat-2 ta' Marzu 2005.

[9] Vide xiedha tat-2 ta' Marzu 2005.

*"Ma għandhiex leġġerment tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-apprezzament li hija tkun għamlet tal-provi miġbura minnha stess. Din il-Qorti infatti, normalment tkun inklinata li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk din il-Qorti ta' reviżjoni tkun soddisfatta li huwa b'dan il-mod biss li tkun tista' tikkoreġi inġustizzja manifesta"*[10]

Illi mis-sentenza appellata wieħed jista' faċilment josserva li l-Bord wieżen sewwa l-provi mressqa quddiemu, u dana anke kontra sfond estiż ta' ġurisprudenza relatata mal-mertu tal-kawża odjerna li juri li r-*ratio decidendi* tal-Bord kien wieħed razzjonali, loġiku, prevedibbli u għal kollox konsegwenzjali għall-provi prodotti quddiemu. Fl-umli opinjoni tal-esponenti, il-każ in eżami mhux każ fejn saret tali inġustizzja manifesta, u għalhekk, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatt hekk kif magħmul mill-Bord li Jirregola l-Kera.

Għalhekk l-appellati qed jitolbu li din il-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrenti appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

**Rat** l-atti l-oħra kollha tal-appell u l-atti kif kompliati quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. .

**Rat** id-dokumenti esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkonsidrat**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Bord li Jirrgola l-Kera fit-12 ta' April, 2012 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

[10] Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella, 5 t' Ottubru 2001, Qorti tal-Appell (Superjuri).

Fir-rikors promotur li bih inbdew dawn il-proceduri ir-rikorrenti appellanti ppremettew li huma sidien tal-fond 17, Qrejten Street, Msida, li ilu zmien mikri lill-intimata Rosina Stagno bil-kera ta’ tnax il-lira maltija (Lm12) fis-sena. L-appellanti allegaw li l-intimata abbandunat il-kirja u qed tabita f’Old People’s Home gewwa l-Imsida. Ir-rikorrenti komplew jallegaw li ghandhom bzonn l-imsemmi fond biex jabitaw fih in-neputijiet taghhom li m’ghandhomx fejn joqghodu. Kwindi r-rikorrenti talbu li jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-fond u li l-intimata tigi ordnata tivvakah. L-intimata rrispondiet li bl-ebda mod ma rrinunzjat ghal lokazzjoni tad-fond in kwestjoni li hu fil-fatt l-abitazzjoni ordinarja taghha tant li gieli rritornat fih. Bl-imsemmija decizjoni l-Bord cahad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

L-aggravji tal-appellanti kif indikati fir-rikors tal-appell taghhom huma essenzjalment kwestjoniet ta’ fatt li gew korrettement decizi mill-Bord fis-sentenza appellata. Din il-Qorti hi qorti ta’ revizjoni u ghalhekk ghandha toqod fuq l-apprezzament tal-provi u tal-fatti li jkun sar mill-ewwel qorti, ovvjament sakemm ma jirrizultax lil din il-Qorti li tali apprezzament kien lampantement zbaljat u mhux ibbazat fuq ir-rizultanzi. Hu inutili li jsiru dan it-tip ta’ appelli stante li din il-Qorti m’ghandix ghalfejn terga taghmel apprezzament tal-provi u tal-fatti una volta li tali evalwazzjoni saret b’mod korrett mill-ewwel Qorti.

Fl-aggravji taghhom ir-rikorrenti jissottolineaw il-fatt li m’hemmx indikat fir-risposta tal-intimata, fil-proceduri quddiem il-Bord, il-fatt li n-neputi kien qed jirrisjedi fil-fond in kwestjoni. Skond l-appellanti dan il-fatt hu indikattiv li l-istess neputi ma kienx effettivament jirrisjedi mal-intimata fil-fond. Il-Bord, fis-sentenza appellata, ddecieda dan il-punt u f’dan ir-rigward l-apprezzament tal-fatti tighu kien wiehed gust u regolari. Kwindi mhux il-kaz li tali apprezzament jigi rivedut. Inoltre l-meritu tal-kaz kien essenzjalment dwar jekk l-intimata abbandunatx il-fond mikri lilha meta marret tgix f’Dar tal-Anzjani.

Dejjem f’dan ir-rigward l-appellanti jghamlu referenza ghall-kredibilita’ tal-provi prodotti mill-appellati sabiex

jintwera li n-neputi tal-intimata kien jghix mal-istess intimata fil-fond. M’hemmx dubju li l-Bord kien fl-ahjar posizzjoni li jiggudika dwar dan l-aspett partikolari tal-provi. Inoltre l-Bord ittratta ukoll il-kwestjoni tal-intenzjoni tal-inkwilina li tibqa tghix b’mod permanenti fid-Dar tal-Anzjani u wasal korrettement ghall-konkluzjonijiet tieghu li huma ben ibbazati fuq il-fatti emergenti, kif ukoll fuq il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

Ghalhekk mhux il-kaz li jigi disturbat l-apprezzament tal-provi li ghamel il-Bord. Ma jirrizultax li bil-konkluzjonijijiet li wasal ghalihom il-Bord, manifestament saret ingustizzja ma l-appellanti. Il-Bord ibbaza d-decizjoni tieghu principalment fuq gurisprudenza nostrana kostanti.
Għal dawn ir-ragunijiet kollha l-appell jimmerita li jigi rigettat.

Ghal dawn il-motivi kollha.

Tiddeciedi billi tichad l-appell u fl-istess hin tikkonferma s-sentenza appellata tal-Bord li Jirregola l-Kera tat-12 ta' April, 2012

L-ispejjez ta’ dan l-appell jithallsu kollha mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------